Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1787

24.7.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1787

tat-23 ta' Lulju 2026

li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-proċedura dettaljata għall-ġbir ta' data fid-dinja reali relatata mal-emissjonijiet tas-CO_2 minn vetturi heavy-duty

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi tqal ġodda ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/1242, il-Kummissjoni hija meħtieġa tiġbor data dwar il-konsum tal-fjuwil u l-konsum tal-enerġija fid-dinja reali tal-vetturi heavy-duty li jiġu rreġistrati minn apparati abbord għall-monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika, kif previst fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2161 ([2]).

(2) Sabiex jiġi żgurat il-ġbir regolari tad-data fid-dinja reali skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/1242, filwaqt li jiġi minimizzat il-piż amministrattiv ta' din il-proċedura, id-data fid-dinja reali dwar il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija jenħtieġ li tinġabar bħala parti mit-testijiet tal-affidabbiltà stradali diġà mwettqa f'konformità mad-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(3) Sabiex ikun jista' jsir il-ġbir tad-data fid-dinja reali, il-korpi jew l-istabbilimenti msemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/45/UE jenħtieġ li jkunu mgħammra bl-għodod meħtieġa sabiex jaqraw id-data rreġistrata mill-apparati abbord għall-monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika. Il-ġbir ta' data fid-dinja reali jenħtieġ li jibda mill-mument li l-vetturi mgħammra b'tali apparati jkunu meħtieġa jgħaddu minn test tal-affidabbiltà stradali f'konformità mal-Artikolu 5b tad-Direttiva 2014/45/UE, li huwa mill-1 ta' Lulju 2028. Sabiex jappoġġaw l-implimentazzjoni f'waqtha tal-ġbir tad-data, l-Istati Membri jistgħu, fuq bażi volontarja, jiġbru dik id-data qabel dik il-ġurnata.

(4) Sabiex jiżguraw li l-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta kemm il-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 u tal-konsum tal-enerġija huma rappreżentattivi tas-sitwazzjoni fid-dinja reali, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrapportaw lill-Kummissjoni d-data relatata mal-emissjonijiet tas-CO_2 u mal-konsum tal-enerġija fid-dinja reali tal-vetturi heavy-duty, miġbura matul il-perjodu ta' rapportar preċedenti, bl-użu tal-proċeduri għat-trażmissjoni ta' data previsti mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA). Il-Kummissjoni u l-EEA jenħtieġ li jieħdu l-passi xierqa sabiex jipproteġu l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miksuba.

([1]) ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1242/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2161 tas-27 ta' Ottubru 2025 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti tekniċi tal-apparat għall-monitoraġġ u r-reġistrazzjoni abbord tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija u l-kilometraġġ ta' ċerti vetturi heavy-duty, u għad-determinazzjoni u r-reġistrazzjoni tat-tagħbija utli jew tal-piż totali tagħhom (ĠU L, 2025/2161, 31.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2161/oj).

([3]) Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li thassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/45/oj).

(5) Id-data fid-dinja reali dwar il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija jenħtieġ li tingħabar flimkien man-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN). Filwaqt li l-VIN jiġi assenjat lill-vettura biex jiġi żgurat li l-vettura tiġi identifikata kif xieraq, dan jikkostitwixxi wkoll data personali, fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) (il-GDPR), ta' persuna fiżika, fir-rigward ta' persuna li raġonevolment ikollha mezzi li jippermettulha tassoċja l-VIN ma' persuna speċifika, bħas-sid tal-vettura jew il-persuna li tista' tuża dik il-vettura fuq bażi legali għajr dik ta' sid.

(6) Kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont dan ir-regolament ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jkun soġġett għall-applikabbiltà tal-GDPR u tal-EUDPR ([5]). L-ipproċessar tad-data fid-dinja reali u tal-VINs minn vetturi heavy-duty għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2019/1242 jenħtieġ li jitqies bħala legali skont l-Artikolu 6(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2016/679. Il-kontrolluri jenħtieġ li jużaw mezzi siguri ta' komunikazzjoni, u s-sidien tal-vetturi jenħtieġ li jkunu infurmati b'mod adegwat.

(7) Jenħtieġ li jiġi speċifikat il-perjodu li matulu dik id-data jenħtieġ li tinżamm mill-entitajiet differenti involuti fil-ġbir u fir-rapportar. Billi l-objettiv huwa li tiġi segwita l-evoluzzjoni tal-prestazzjoni fid-dinja reali tal-vettura matul il-ħajja stmata tagħha, id-data jenħtieġ li tinżamm mill-EEA għal perjodu ta' 20 sena. Entitajiet oħra li jiġbru u jirrapportaw id-data jenħtieġ li jżommu d-data għal perjodu ta' 6 xhur biss wara t-trażmissjoni tad-data lill-EEA.

(8) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Lulju 2026.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, tapplika d-definizzjoni li ġejja:

"Data fid-dinja reali" tfisser id-data dwar il-valuri tul il-ħajja u d-data statika akkumulata msemmija fil-punt 3.3 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2161, li tkun inkisbet minn apparati abbord għall-monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika.

Artikolu 2

Ġbir u rapportar tad-data mill-Istati Membri

1. Mill-1 ta' Lulju 2028, l-Istati Membri u l-korpi jew l-istabbilimenti msemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/45/UE għandhom jiġbru d-data li ġejja meta vetturi heavy-duty ġodda rreġistrati mill-1 ta' Lulju 2027 u mgħammra b'apparati abbord għall-monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2161 jgħaddu minn test tal-affidabbiltà stradali f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/45/UE:

(a) id-data fid-dinja reali;

(b) in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN);

([4]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

(c) il-qari tal-odometru tal-vettura;

(d) id-data li fiha saru t-testijiet tal-affidabbiltà stradali.

2. Id-data fid-dinja reali għandha tinqara bl-użu ta' apparat imsemmi fil-punt (14) tat-Taqsima I tal-Anness III tad-Direttiva 2014/45/UE. Dak l-apparat għandu jkun kapaċi jaqra d-data kif tkun ġiet irreġistrata fuq l-apparat abbord għall-monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika.

3. L-Istati Membri u l-korpi u l-istabbilimenti msemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/45/UE responsabbli għall-ġbir tal-VINs għandhom jużaw mezzi siguri ta' komunikazzjoni għal dak il-ġbir.

4. Mill-2029, sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, permezz ta' trasferiment ta' data elettronika lill-EEA, id-data msemmija fil-paragrafu 1 li tkun inġabret matul il-perjodu ta' rapportar preċedenti.

5. L-Istati Membri għandhom jużaw l-għodod elettroniċi u l-gwida proċedurali mqiegħda għad-dispożizzjoni tagħhom mill-Kummissjoni u mill-EEA meta jirrapportaw id-data speċifikata fil-paragrafu 1. Għall-finijiet ta' dan ir-rapportar, l-Istati Membri għandhom jaħtru persuna ta' kuntatt u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-dettalji ta' kuntatt ta' dik il-persuna u bi kwalunkwe bidla sussegwenti għalihom.

6. Mill-1 ta' Jannar 2028, l-Istati Membri u l-korpi u l-istabbilimenti msemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/45/UE jistgħu, fuq bażi volontarja, jiġbru d-data msemmija fil-paragrafu 1. Sat-30 ta' Novembru 2028, huma jistgħu jirrapportaw lill-Kummissjoni, permezz ta' trasferiment ta' data elettronika lill-EEA, kwalunkwe data bħal din miġbura bejn l-1 ta' Jannar 2028 u t-30 ta' Ġunju 2028.

Artikolu 3

Obbligi relatati mal-protezzjoni ta' data personali

1. Il-korpi jew l-istabbilimenti responsabbli għat-testijiet tal-affidabbiltà stradali, meta jiġbru l-VINs flimkien mad-data fid-dinja reali direttament mill-vetturi, għandhom, fir-rigward tal-ġbir u tal-ipproċessar tal-VINs, jitqiesu bħala kontrolluri ta' dik id-data fis-sens tal-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679, u għandhom jipprovdu informazzjoni lis-sidien tal-vetturi f'konformità mal-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament.

2. Meta l-VINs flimkien mad-data fid-dinja reali jinkisbu indirettament mis-sidien tal-vetturi, l-Istati Membri, bħala kontrolluri, għandhom jipprovdu informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/679.

3. L-EEA għandha titqies bħala kontrollur skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 għall-ipproċessar tal-VINs skont dan ir-Regolament.

4. Id-data miġbura f'konformità mal-Artikolu 2 tista' tinżamm biss għall-perjodi li ġejjin:

(a) mill-korpi u mill-istabbilimenti responsabbli għat-testijiet tal-affidabbiltà stradali, sa 6 xhur wara t-trażmissjoni tad-data lill-EEA jew lill-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 2(4);

(b) mill-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri skont l-Artikolu 2(4), sa 6 xhur wara t-trażmissjoni tad-data lill-EEA;

(c) mill-EEA, sa 20 sena mid-data li fiha d-data tkun ġiet irrapportata għall-ewwel darba f'konformità mal-Artikolu 2(4).

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN